**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 458/2024 DC**

***Christian Zammit (K.I. Numru 528086M)***
***vs***
***Rosanne Cassar (K.I. Numru 166981M)***

**Illum, 10 ta' Ottubru, 2024**

**Il- Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' l-attur ppreżentat fid-29 ta' April, 2024 permezz ta' liema ppremetta:-

1. *Illi r-rikorrent huwa sid tal-fond bl-isem Gryffindor, fi Triq iċ-Ċimiterju, Żabbar liema fond huwa akkwista permezz ta' kuntratt ippubblikat nhar l-14 ta' Marzu 2018 fl-atti tan-Nutar James Grech (kopja annessa u mmarkata Dok.A);*

2. *Illi r-rikorrent u l-intimata kellhom relazzjoni flimkien, liema relazzjoni ilha li spiċċat. Minn din ir-relazzjoni il-kontendenti kellhom bint li llum tinsab fostered minn terzi u għalhekk ma tgħix ma ebda mill-kontendenti;*

3. *Illi l-intimata madanakollu naqset milli tivvaka mill-fond minkejja li interpellata diversi drabi biex tagħmel dan;*

4. *Illi peress li r-relazzjoni bejn il-kontendenti spiċċat u r-rikorrent ma jixtieqx li jgħix taħt l-istess saqaf mal-intimata, kellu temporanjament jirriloka;*

5. *Illi l-esponent interpella lill-intimata biex tivvaka anke permezz ta' ittra legali, li kopja tagħha qed tiġi annessa u mmarkata 'Dok.B' iżda l-intimata baqgħet inadempjenti;*

6. *Illi l-intimata m'għandha ebda titolu jew raġuni biex tibqa tirriskedi u tokkupa l-fond bi kwalunkwe mod u għal din ir-raġuni hija intalbet tivvaka u tneħħi mill-fond propjeta tar-rikorrent l-oġġetti kollha tagħha;*

7. *Illi l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet li tista' tressaq f'dan ir-rigward;*

8. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

U wara li hekkippremetta, l-attur talab lil din il-Qorti:-

1) *Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta;*

2) *Tiddikjara li l- intimata qed tokkupa il-fond bl-isem Gryffindor, fi Triq iċ-Ċimiterju, Żabbar, mingħajr ebda titolu validu jew xi raġuni valida fil-liġi;*

3) *Tordna lill-intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju tneħħi kull oġġett li jappartjeni lilha u tivvaka mill-fond bl-isem Gryffindor, fi Triq iċ-Ċimiterju, Żabbar;*

Rat id-digriet tat-8 ta' Mejju 2024 permezz ta' liema din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2024 u l-konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta'l-attur kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-konvenuta ġiet notifikata fid-19 ta' Gunju 2024.

Rat li l-konvenuta dehret fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2024 akkompanjata minn ħaddiema soċjali u infurmat lill-qorti li kienet ser tippreżenta talba biex tkun assistita minn avukat tal-għajnuna legali.

Rat li l-konvenuta dehret fl-udjenza miżmuma llum u ammettiet it-talbiet attriċi.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors ġuramentat ta'l-attur hekk kif maħluf u l-atti hemm annessi jirriżulta li:

- l-attur, ġuvni, akkwista il-fond in eżami permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Marzu 2018[1];
- meta kien f'relazzjoni mal-konvenuta għexu flimkien f'dan il-fond;
- ir-relazzjoni ta' bejniethom issa ntemmet u l-konvenuta tidher li ma tridx tivvaka minn dan il-fond propjeta ta' l-attur minkejja li ġiet interpellata biex tagħmel hekk.

Illi aktar minn hekk il-konvenuta ammettiet it-talbiet kollha tal-attur.

Illi, wara li rat l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smiegħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, anke fuq ammissjoni tal-konvenuta, il-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' it-talbiet ta'l-attur** u ai fini tat-tielet talba tipprefiġġi **terminu perentorju ta' tlett xhur mill-llum għall-iżgumbrament tal-konvenuta** mill-fond Gryffindor, Triq iċ-Ċimiterju, Zabbar. Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-konvenuta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

*[1] Dok A a fol 5.